MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Numru. 279/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Walter Spiteri)**

**v**

**Giovanni Micallef ta’ 37 sena bin Carmelo**
**u Gemma nee Zahra imwieled Tarxien**
**fit-13 ta’ Awissu, 1963, u residenti Peace, Flat 2,**
**Triq is-Sajjieda, Zurrieq detentur tal-karta tal-identita’**
**bin-numru 413263 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Giovanni Micallef li gie akkuzat talli matul ix-xxahar ta’ Dicembru 2000 u fix-xhur ta’ wara, fiz-Zurrieq u f’dawn il-gzejjer, bhala ufficjal

tal-Pulizija u ufficjal Pubbliku ikkommetta s-sussegwenti reati kriminali, meta kien fid-dmir li jissorvelja biex dawn ir-reati ma jsirux, jew li minhabba l-kariga tieghu kien fid-dmir li jimpedixxi milli jsiru, billi approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' elf mitejn u sittin liri Maltin gha-ddannu ta' maria Farrugia miz-Zurrieq, liema somma giet fdata lilu jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus jew li jsir uzu minnha specifikat bi ksur tal-art. 293 u 294 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Akkuzat ukoll talli fl-istes zmien u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz,jew billi nqeda b'qerq iehor, ingan jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor,jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' elf mitejn u sittin liri Maltin ghad-dannu ta' Maria Farrugia bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kapitlu 9 u 310(a) tal-Ligijiet ta' Malta. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi fil-kariga tieghu bhala ufficjal tal-Pulizija, u ufficjal Pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, awtorita' bi ksur tal-artikolu 112 u 113 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija timponi l-interdizzjoni lill-imsemmi imputat.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija u cioe:

293, 294, 308, 309, 310, 141, 112, 113, 31, 17(b)(h), 20, 23, 533 tal-Kap 9.

Rat li l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Illi rrizulta ben car illi l-imputat, ufficjal tal-puzliaija, pprezenta ruhu lil certu Maria Farrugia, u hadilha somma kbira ta’ flus taht il-pretensjoni falsa li kien se jghajtilha kawza konnessjoni ma’ hrug li gara fir-razzett taghha. Pero’ aktar tard, meta issa dan il-fatt gie anke a konoxxenza tal-pulizija, ghax Maria Farrugia xehdet dan f’kawza ohra, il-flus gew ritornati lilha (vide xhieda fir-rigward ta’ dawn il-flus id-dokumenti eseibiti a fol 19 dok MF sa MF4).

Illi kif gia premess anke kif xehdet l-istess Maria Farrugia, l-flus gew ritornati lilha u dan minn persuna ta’ Pawlu Mizzi. Irrizulta wkoll mix-xhieda ta’ Maria Farrugia illi sahansitra qabel ma hadet flusha lura, neputiha kien anke fittex lill-akkuzat l-ghassa biex jitolbu l-flus.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti ma ghandha ebda dubju mill-fatt illi l-akkuzat huwa kuntistabbli tal-pulizija u anke li ha flus li ma kienu qatt lilu dovuti lil Maria Farrugia. F’dan ir-rigward wiehed ghandu jhares ukoll lejn l-istqarrija minnu rilaxxata a fol 15 dok GM.

Din il-Qorti hija wkoll konvinta mill-fatt illi l-akkuzat fil-fatt ha vantagg tan-nuqqasijiet ta’ l-istess Maria Farrugia, nuqqasijiet ben cari u evidenti jekk wiehed jara kemm il-komportant tax-xhud u aktar u aktar il-livell ta’ intelligenza taghha.

Rat ghalhekk l-artikoli 293, 294, 308, 309, 310, 141, 112, 13, 31, 17(b)(h), 20, 23, 533 tal-Kapitlu 9. Issibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Qieset il-gravita’ enormi tar-reati minnu kommessi, in kwantu ufficjal tal-Pulizija, ikkonsidrat ukoll il-fedina penal tieghu lihija netta pero’ xorta tqis li l-unika piena idonea hi dik karcerarja. Ghaldaqstant qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------